Valletta	*The temporary direct dominium and the full ownership thereafter of an unnumbered room at ground floor level and apartments Nos 3 and 4, forming part of tenement No 57 in Triq Santa Lucia;*			
Valletta	L-utile dominju temporanju ta' l-appartamenti Nri 4 u 8, formanti parti mill-fond Nru 9 jismu 'Brittania House' fi Triq l-Ifran;	Odette Camilleri	798749M	2886/05
Valletta	*The temporary utile dominium of apartments Nos 4 and 8, forming parti of tenement No 9 named 'Brittania House' in Triq l-Ifran;*			
Valletta	Il-fond Nru 339A fi Triq San Pawl;	Il-Gvern ta' Malta		2981/05
Valletta	*Tenement No 339A in Triq San Pawl;*	*The Government of Malta*		
Wied il-Ghajn	Korrezzjoni ta' LRA 3143/03. B' dan qed navza li rcevejt minghand id-Direttur, Dipartiment ghat-Tmixxija tal-Proprjeta', applikazzjoni LRA 3088/05, korrezzjoni ta' l-applikazzjoni hawn fuq imsemmija fis-sens illi giet sostitwita il-pjanta relatata ma' din l-applikazzjoni;	Il-Gvern ta' Malta		3088/05
Wied il-Ghajn	*Correction of LRA 3143/03.* *I am hereby giving notice that I have received from the Director, Estate Management Department, application LRA 3088/05, a correction of the above mentioned application as regards the substitution of the site plan relevant to the said application;*	*The Government of Malta*		
Zejtun	Nofs indiviz mill-art Tal-Qwabar sive Tal-Kusnar tal-kejl ta' 9,040 m.k., kontrada Tal-Barrani;	Il-Gvern ta' Malta		2976/05

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Zejtun	*One half undivided share of the land Tal-Qwabar sive Tal-Kusnar covering an area of 9,040 s.m., district of Tal-Barrani;*	*The Government of Malta*		
Zurrieq	Drittijiet ta' kumpens ta' bicca mill-art Ta' Bur Langasa tal-kejl ta' 143 m.k.;	Il-Gvern ta' Malta		2827/05
Zurrieq	*Compensation rights of a portion of the land Ta' Bur Langasa covering an area of 143 s.m.;*	*The Government of Malta*		
Zurrieq	Id-direttt dominju temporanju u s-sussegwenti proprjeta' tal-fond Nru 11 fi Sqaq San Leonardu, f' Bubaqra;	Il-Gvern ta' Malta		2863/05
Zurrieq	*The temporary direct dominium and the full ownership thereafter of tenement No 11 in Sqaq San Leonardu at Bubaqra;*	*The Government of Malta*		
Zurrieq	L-art Habel ta' Sola tal-kejl ta' 6,974 m.k., kontrada Tal-Bebbux;	Il-Gvern ta' Malta		2921/05
Zurrieq	*The land Habel ta' Sola covering an area of 6,974 s.m., district of Tal-Bebbux;*	*The Government of Malta*		
Zurrieq	Id-direttt dominju temporanju u s-sussegwenti proprjeta' ta' Plots 34 u 35 tal-kejl kumplessiv ta' 439 m.k., fi Vjal l-Indipendenza u Triq San Martin rispettivament;	Il-Gvern ta' Malta		2977/05
Zurrieq	*The temporary direct dominium and the full ownership thereafter of Plots 34 and 35 together covering an area of 439 s.m., in Vjal l-Indipendenza and Triq San Martin respectively;*	*The Government of Malta*		
Zurrieq/ B'Bugia	Bicca art tal-kejl ta' 1,136 m.k.;	Il-Gvern ta' Malta		3013/05
Zurrieq/ B'Bugia	*A plot of land covering an area of 1,136 s.m.;*	*The Government of Malta*		

L-applikazzjonijiet, pjanti ta' l-art u d-dokumenti preżentati magħhom, jistgħu jiġu eżaminati fir-Reġistru ta' l-Artijiet, 'Casa Bolino', 116, Triq il-Punent, Valletta, bejn it-8.00 a.m. u s-1.00 p.m. (ħinijiet tax-Xitwa) u bejn it-8.00 a.m. u l-11.30 a.m. (ħinijiet tas-Sajf).

Dott Stephanie Pappalardo, LL.D.
Reġistratur ta' l-Artijiet

Id-29 ta' Novembru, 2005

The applications, plans of the land and accompanying documents may be inspected at the Land Registry, 'Casa Bolino', 116, Triq il-Punent, Valletta, between 8.00 a.m. and 1.00 p.m. (Winter hours) and between 8.00 a.m. and 11.30 a.m. (Summer hours).

Dr Stephanie Pappalardo, LL.D.
Land Registrar

29th November, 2005

Nru. 1172

ATT DWAR IL-*CONDOMINIA*
(Kap. 398)

B'DAN qed navża li jiena rċivejt applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' u/jew emendi tar-regolamenti li jirregolaw l-imsemmija *condominia*:

Nru. tal-*Condominium* *Condominium Number*	Indirizz tal-*Condominium* *Address of Condominium*	Rimarki *Remarks*	Data tar-Reġistrazzjoni *Date of Registration*
78	38 Princess Court Nathalie Poutiatin Tabone Str Sliema	Reġistrazzjoni tar-Regolamenti/ *Registration of Rules*	24/11/2005

Dott. Stephanie Pappalardo
Reġistratur ta' l-Artijiet

Id-29 ta' Novembru, 2005

No. 1172

CONDOMINIUM ACT
(Cap. 398)

NOTICE is hereby given that I have received an application for the registration of and/or amendment to rules regulating the following condominia:

Dr Stephanie Pappalardo
Land Registrar

29th November, 2005

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' *Senior Registrar* (Ġerjatrija) fid-Dipartiment ta' l-Anzjani u Kura fil-Komunità fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *Medical Practitioners* bi kwalifiki adatti u b'esperjenza għall-post ta' *Senior Registrar* (Ġerjatrija) fid-Dipartiment ta' l-Anzjani u Kura fil-Komunità.

2. Il-post ta' *Senior Registrar* (Ġerjatrija) għandu salarju ta' Lm7,521 fis-sena li jiżdied b'Lm275 fis-sena sa massimu ta' Lm9,171 (Skala ta' Salarju Nru. 5).

3. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fid-Dipartiment ta' l-Anzjani u Kura fil-Komunità. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li taħdem skond *roster* stabbilit li jinkludi *night duty*. Sigħat ta' xogħol 'il fuq minn erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa u xogħol fil-Ħdud u btajjel pubbliċi jitħallsu b'remunerazzjoni addizzjonali skond ir-rati approvati.

3.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u tkun suġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Senior Registrar (Geriatrics) in the Department of the Elderly and Community Care within the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Public Service Commission invites applications from duly qualified and experienced Medical Practitioners for the post of Senior Registrar (Geriatrics) in the Department of the Elderly and Community Care.

2. The post of Senior Registrar (Geriatrics) carries a salary of Lm7,521 per annum rising by annual increments of Lm275 up to a maximum of Lm9,171 (Salary Scale 5).

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year is on a full-time basis and is subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service and the Department of Elderly and Community Care. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2. The appointee will be required to work in accordance with an established roster which will include night duty. Additional remuneration will be paid at the approved rates for hours worked in excess of forty (40) per week and for work performed on Sundays and Public Holidays.

3.3. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. Il-persuna nominata titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:

a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

5.1. Il-persuna nominata tkun trid taħdem fir-Residenza San Vincenz de Paule kif ukoll f'postijiet oħra kif imqabbda mid-Direttur tad-Dipartiment ta' l-Anzjani u Kura fil-Komunità jew mis-Supretendent Mediku tar-Residenza San Vincenz de Paule.

5.2. Il-persuna nominata tkun responsabbli lejn il-konsulent immedjat tagħha u fl-aħħarnett lejn id-Direttur tad-Dipartiment ta' l-Anzjani u Kura fil-Komunità u tkun suġġetta għal xi reviżjoni ta' dmirijiet kif ikun meħtieġ minn żmien għal żmien.

5.3. Il-persuna nominata trid tipprovdi servizz mediku kliniku għall-*inpatients* u *outpatients* ibbażat fir-Residenza San Vincenz de Paule. Id-doveri u r-responsabbilitajiet jinkludu:

a) sehem fil-provvediment ta' kura medika ta' rutina u ta' emerġenza għall-*inpatients* fir-Residenza San Vincenz de Paule u Djar Residenzjali tal-Gvern oħra kif meħtieġ.

b) attendenza u tmexxija ta' *ward rounds* u *outpatients clinics* kif jinħtieġ.

ċ) konsultazzjoni ma' kollegi li jkunu xogħol immedjatament qabilha jew warajha biex tassigura komunikazzjoni xierqa u kontinwità tal-kura tal-pazjent. Hi tkun trid tikkonsulta ruħha ma' impjegati oħra (infermiera, tekniċi u impjegati oħra ta' dipartimenti oħra) biex tassigura li l-informazzjoni meħtieġa fuq il-kura tal-pazjent u l-investigazzjoni meħtieġa jkunu fehmuhom sewwa.

d) tagħmilha flok il-*Consultant Physician* kif jinħtieġ.

e) sorveljanza tax-xogħol ta' *staff* mediku fil-gradi anqas minn *Senior Registrar*. Dan jinkludi reviżjoni sewwa tar-*records* tal-pazjenti biex jiġi assigurat li huma korretti, aġġornati u li jinqraw.

f) żamma ta' kuntatt mal-qraba tal-pazjenti.

g) kopriment tal-kollegi tagħha f'emerġenza jew meta dawn ikunu bil-*vacation leave* jew xi *leave* ieħor.

h) dikjarazzjoni li f'ċirkostanzi eċċezzjonali trid tattendi għax-xogħol f'dawk il-każi mhux tas-soltu barra mill-ħinijiet normali tar-*roster* tagħha skond kif ikun meħtieġ għall-

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:

a) it is carried out strictly outside official hours of work; and

b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

5.1. The appointee will be required to work at St. Vincent de Paule Residence as well as in other places as required by the Director, Department of the Elderly and Community Care or the Medical Superintendent at St. Vincent de Paule Residence.

5.2. The appointee will be responsible to his/her immediate consultant and ultimately to the Director of the Department of Elderly and Community Care and his/her duties will be subject to any review as necessary from time to time.

5.3. The appointee will provide a clinical inpatient and outpatient medical service based at St. Vincent de Paule Residence. The main duties and responsibilities include:

a) participating in the day to day provision of routine and emergency medical care for in-patients at St. Vincent de Paule Residence and other residential Government Homes as required.

b) attending and conducting ward rounds and out-patient clinics as required.

c) liaising with colleagues who are on duty immediately before or after care. He/She must liaise with other staff (nursing, technical and other staff of other departments) to ensure that necessary information on patient care and investigation required are fully understood.

d) deputizing for the consultant physician as necessary.

e) supervising the work of medical staff below the level of Senior Registrar. This should include careful review of patient records to make sure that they are accurate, up to date and legible.

f) liaising with patients' relatives.

g) providing cover for other colleagues in an emergency or when on vacation or other leave.

h) undertaking to be available, under exceptional circumstances, for such irregular commitments outside normally rostered duties as are essential for continuity of

kontinwità tal-kura tal-pazjenti.

i) Il-persuna nominata tkun trid tagħmel użu mis-sistemi ta' Teknoloġija Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Dipartiment ta' l-Anzjani u Kura fil-Komunità.

j) Il-persuna nominata tkun trid twaqqaf mekkaniżmu xieraq għall-assigurazzjoni ta' kwalità tas-servizz u verifika medika.

5.4. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li tieħu sehem fil-programmi ta' tagħlim ta' studenti ta' qabel u ta' wara l-gradwazzjoni li jiġu organizzati mid-Dipartiment ta l-Anzjani u Kura fil-Komunità kif ukoll mid-Dipartiment tal-Mediċina u li tinvolvi ruħha fi programmi kontinwi ta' riċerka.

6. L-applikanti għandhom:-

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;
JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE);

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija suġġetta għal ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

(ċ) ikollhom liċenza biex jipprattikaw il-Professjoni Medika f'Malta;

(d) ikollhom kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni fil-Mediċina (e.g. MRCP jew kwalifika adatta komparabbli) u tliet snin wara r-reġistrazzjoni ta' l-esperjenza fil-Ġerjatrija wara li jiksbu din il-kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni;

patient care.

i) The appointee will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Department of the Elderly and Community Care.

j) The appointee will be required to establish appropriate mechanisms to ensure quality of services and medical audit.

5.4. The appointee will be required to participate in any teaching or training programme for undergraduates or postgraduates organised by the Department of the Elderly and Community Care as well as by the Department of Medicine and to involve himself/herself in on-going research programmes.

6. Applicants must:-

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;
OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

(b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

(c) be in possession of a Licence to practise the Medical Profession in Malta;

(d) be in possession of a higher postgraduate qualification in General Medicine (e.g. MRCP or an approved appropriate comparable qualification) and three years postregistration experience in Geriatrics following the attainment of the said higher postgraduate qualification;

(e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47), filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz iridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

7.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Arikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), 2000, anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jinġataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi ndirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkuppjata lill-KNPD.

8. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

9.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

9.2. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tar-riżultat.

10. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li hija adatta għal dan il-post.

11. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, Floriana.

12. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* u l-ismijiet ta' żewġ *referees* jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti,

(e) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service giving details).

7.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, 2000, even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

7.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

8. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

9.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

9.2. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of the result.

10. The selected applicant will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the post.

11. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

12. The prescribed application forms together with a curriculum vitae and the names of two referees will be received in the first instance by the Director General, Health

Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, it-23 ta' Diċembru 2005.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta ikollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi hu +356-21242884.

14. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Id-29 ta' Novembru, 2005

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' Uffiċjal Legali *Junior* / Uffiċjal Legali fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Uffiċjal Legali *Junior*/Uffiċjal Legali fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent.

2.1 Il-post ta' Uffiċjal Legali *Junior* għandu salarju ta' Lm5,841 fis-sena, li jiżdied b'Lm192 kull sena sa massimu ta' Lm6,993 (Skala ta' Salarju 9).

2.2 Persuna nominata bħala Uffiċjal Legali *Junior* titla', sakemm twettaq b'mod sodisfaċenti d-dmirijiet tagħha, għall-grad ta' Uffiċjal Legali fi Skala 8 (Lm6,211 x Lm209 – Lm7,465) meta ttemm sentejn (2) servizz fil-kariga.

2.3 Persuna magħżula li jkollha mill-inqas tliet (3) snin ta' prattika legali ppruvati wara li tkun kisbet il-*warrant* ta' Avukat, tinħatar Uffiċjal Legali fuq Skala ta' Salarju 8 (Lm6,211 x Lm209 – Lm7,465).

2.4 Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u soġġetta għall-kundizzjonijiet l-oħra stabbiliti bejn il-Gvern ta' Malta u l-*Unions* kompetenti.

3.1 Il-ħatra, li hija bi prova għal sena, tkun fuq bażi *full-time* u taqa' taħt ir-regoli u regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta b'mod ġenerali, u fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent b'mod partikolari. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

Division, 15, Merchants Street, Valletta, by not later than noon of Friday, 23rd December 2005.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Division is +356 - 21242884.

14. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

29th November, 2005

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Junior Legal Officer/Legal Officer in the Ministry for Rural Affairs and the Environment

The Public Service Commission invites applications for the post of Junior Legal Officer/Legal Officer at the Ministry for Rural Affairs and the Environment.

2.1 The salary for the post of Junior Legal Officer is Lm5,841 per annum rising by annual increments of Lm192 up to a maximum of Lm6,993 (Salary Scale 9).

2.2 A Junior Legal Officer will, subject to satisfactory performance, be upgraded to Legal Officer, on Salary Scale 8 (Lm6,211 x Lm209 – Lm7,465) on completion of two (2) years service in the grade.

2.3 The successful applicant who has at least three (3) years of proven legal practice after obtaining the warrant to practise as Advocates will be appointed as Legal Officers in Salary Scale 8 (Lm6,211 x Lm209 – Lm7,465).

2.4 The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government of Malta and the competent Unions.

3.1 The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to the rules and regulations governing from time to time the Malta Public Service in general and the Ministry for Rural Affairs and the Environment in particular, and involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2 Il-persuna nominata ma titħalliex tipprattika l-professjoni tagħha privatament.

4.1 Persuna fil-grad ta' Uffiċjal Legali *Junior*/Uffiċjal Legali tkun normalment responsabbli lejn is-Segretarju Permanenti jew uffiċjali anzjani oħra. Fost dmirijiet oħra, persuna fil-grad ta' Uffiċjal Legali *Junior*/ Uffiċjal Legali għandha:

(a) tiżviluppa għarfien u esperjenza fil-leġislazzjoni relatata ma' l-oqsma tal-Ministeru li jinkludu l-agrikoltura, l-iżvilupp rurali, l-affarijiet veterinarji, is-sajd u l-akwakultura u l-ambjent;

(b) tipprovdi pariri legali fuq proġetti partikolari, programmi u inizjattivi li jinkludu l-abbozzi ta' liġijiet u/jew kuntratti, u tirrevedi kwistjonijiet ta' *policies* relevanti;

(ċ) tipprovdi pariri tekniċi legali lil dawk inkarigati mit-tmexxija tal-Ministeru, fuq il-materji kollha relatati mal-proċeduri legali ta' kull xorta u għamla, u tissuġġerixxi proċeduri u regoli biex jiġi eżaminat u żgurat li l-ħidmiet u proċeduri huma konformi mal-ħtiġiet legali;

(d) tqis l-impatt legali tal-proċeduri fuq il-funzjoni u l-operat tal-Ministeru u tissuġġerixxi emendi għalihom biex dawn jitħaffu;

(e) tabbozza liġijiet, regolamenti, regoli, *policies* u atti jew kuntratti, kemm bl-Ingliż kif ukoll bil-Malti, kif meħtieġ;

(f) tagħti pariri lis-Segretarju Permanenti u lis-*senior management* dwar l-implikazzjonijiet potenzjali ta' liġijiet ġodda, regolamenti, *policies*, proċeduri u kuntratti, jew dwar tibdil fihom.

4.2 Id-dmirijiet stabbiliti għall-post indikat jistgħu jinkisbu mid-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta, matul il-ħinijiet normali tax-xogħol.

5.1 L-applikanti għandhom:-

(i) ikunu cittadini ta' Malta;

(ii) (a) ikollhom il-*warrant* biex jipprattikaw il-professjoni ta' Avukat f'Malta;

jew

(b) ikunu persuni li għandhom il-kwalifiki akkademiċi biex jieħdu dan il-*warrant*;

(iii) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma

3.2 The appointee will not be allowed to perform the private practice of his/her profession.

4.1 A Junior Legal Officer/Legal Officer will normally be required to report to the Permanent Secretary or other senior officials. Among other duties the Officer must:

(a) develop an understanding of and expertise in legislation related to the areas of the Ministry, including agriculture, rural development, veterinary affairs, fisheries and aquaculture and environment;

(b) provide authoritative legal advice on particular projects, programmes and initiatives, including drafting of laws and/or contracts, and review relevant policy issues;

(c) provide technical legal advice to management personnel attached to the Ministry on all matters related to legal procedures of whatever nature and kind, and suggests procedures and rules to monitor and ensure that performance and procedures are in line with legal requirements;

(d) assess the legal impact of procedures in the functioning of the Ministry and its operations, suggesting amendments thereto which would facilitate speedier handling of procedures;

(e) drafting of laws, regulations, rules, policies, procedures or other enactments or contracts, in both English and Maltese, as required;

(f) advise the Permanent Secretary and senior management on the potential implications of new laws, regulations, policies, procedures and contracts or changes to those existing.

4.2 Further details of the job description of the post may be obtained from the Department of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment, 14. M.A. Vassalli Street, Valletta, during normal office hours.

5.1 Applicants must be:-

(i) citizens of Malta;

(ii) (a) in possession of a warrant to practise the profession of Advocate in Malta;

or

(b) persons having the academic qualifications to obtain such warrant;

(iii) of good moral character (applicants who are already

impjegati mas-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47)*; l-applikanti barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kenux jaħdmu mal-Gvern, u jagħtu d-dettalji).

5.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-applikanti eliġibbli li jkollhom lawrja oħra, diploma ta' wara l-gradwazzjoni jew kwalifika akkademika *postgradwat* komparabbli, f'materji Ewropej.

6. Applikazzjonijiet li jaqgħu taħt paragrafu 5.1(ii)(b) jiġu kkunsidrati biss jekk ma jkunx hemm biżżejjed applikanti taħt paragrafu 5.1(ii)(a). Barra minn hekk, dawn l-applikanti jistgħu jinħatru biss meta jiksbu l-*warrant* biex jipprattikaw bħala Avukat.

7.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn tibdil raġonevoli skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), Att (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbilità għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minnaħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.2 Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikanti mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikanti għaliex ma jissodisfawx il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma misthoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8. Il-kwalifiċi u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti. (Fotokopji għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni; dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

9.1 Bord ta' l-Għażla jintervista lill-applikanti eliġibbli biex jitqies minn ikun adatt għal dan il-post.

9.2 Ir-riżultat ta' l-intervisti jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni dwar il-Servizz Pubbliku u muri fin-*notice-boards* fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u fid-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta.

9.3 Tiġi ppubblikata notifika dwar ir-riżultat ta' l-intervisti kemm fil-Gazzetta tal-Gvern kif ukoll fil-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li hija:
http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Malta Public Service must produce a Police Certificate of Conduct issued not earlier than six (6) months from the date of this call for applications, and state whether they have ever been in the Government Service, giving details);

5.2 Due consideration will be given to eligible applicants who are in possession of a further degree, postgraduate diploma or other comparable postgraduate academic qualification in European matters.

6. Applications under paragraph 5.1(ii)(b) will only be considered if there are not enough suitable candidates under paragraph 5.1(ii)(a). These will, moreover, only be appointed when they obtain the warrant to practice as Advocates.

7.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and the approval of the Public Service Commission.

7.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Department and copied to the NCPD.

8. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials. (Photocopies to be included with applications; originals to be produced for verification at the interview.)

9.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

9.2 The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Department of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta.

9.3 A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the Public Service Commission where it may be accessed at: http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

9.4 Petizzjonijiet dwar oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom isiru fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

10. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li tkun adatt għal dan il-post.

11.1 Il-persuna magħżula tista' tkun meħtieġa li tattendi korsijiet u laqgħat speċjalizzati barra minn Malta.

11.2 Il-persuna magħżula li tintbagħat biex tagħmel korsijiet ta' taħriġ barra minn Malta tkun marbuta bil-kundizzjonijiet relevanti mniżżla fil-*Public Service Management Code*.

12. L-applikazzjonijiet, flimkien ma' *curriculum vitae* li jindika l-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha, jintlaqgħu mis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, it-23 ta' Diċembru, 2005.

13. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mit-Taqsima tar-Riżorsi Umani tad-Dipartiment tas-Servizzi Korporativi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta.

14. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Direttur, Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta CMR 02, Malta, mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. (In-numru tal-*fax* tal-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent huwa + 356 - 2123 5650).

15. (a) Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn għand id-Direttur, Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Direttur, Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Id-29 ta' Novembru, 2005

9.4 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

10 The selected applicant will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the post.

11.1 The selected applicant may also be required to travel abroad to attend for specialised courses and meetings.

11.2 When proceeding abroad to follow courses, he/she will be bound by the relevant conditions laid down in the Public Service Management Code.

12. Applications, together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience, will be received in the first instance by the Permanent Secretary, Ministry for Rural Affairs and the Environment, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta by not later than noon of Friday, 23rd December, 2005.

13. Application forms may be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Human Resources Section in the Department of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta.

14. Applications received from abroad through fax or other similar message by the closing date, may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Director Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment, 14, Triq M. A. Vassalli, Valletta CMR 02, Malta, by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. (The fax number of the Ministry for Rural Affairs and the Environment is + 356 - 2123 5650).

15. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment, and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment, within seven (7) days.

29th November, 2005

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Tejjeb il-Prospetti tal-Karriera Tiegħek – Opportunitajiet ta' Tagħlim u Taħriġ għall-Adulti

Il-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija se jerġa' jorganizza korsijiet iffinanzjati in parti mill-fond Soċjali Ewropew (FSE).

Il-korsijiet li ġejjin huma maħsuba għal persuni »l fuq minn 26 sena 'il fuq li jixtiequ li jiżviluppaw u/jew itejbu l-kapaċitajiet tagħhom biex jiġu impjegati f'wieħed minn dawn l-oqsma:

Kors bażiku ta' Servizz għal Vetturi bil-Mutur (mhux meħtieġa esperjenza ta' qabel fuq dan ix-xogħol jew kwalifiki formali).

Kors bażiku ta' *Panel Beating* - Tiswijiet tal-*body* tal-karozza (ħtiġiet bażiċi: kapaċità li taħdem bl-għodda ta' l-idejn u makkinarju ħafif. Wieħed huwa meħtieġ li jkollu kordinazzjoni ta' l-idejn u l-għajn).

Automatic Gearbox - Manutenzjoni u Tiswija (dan huwa kors biex wieħed itejjeb dak li jaf maħsub għal persuni li diġà qed jaħdmu fl-industrija awtomobilistika).

Dawn il-korsijiet jistgħu jsiru fuq bażi *part-time* u jistgħu jsiru fl-għaxijiet u/jew is-Sibt fil-għodu. Il-korsijiet huma mingħajr ħlas u maħsuba li jibdew f'Diċembru 2005.

Il-formoli ta' l-applikazzjoni jinkisbu mill-MCAST Information and Support Centre, MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid u ċ-:entru ta' l-MCAST f'Għawdex, 132, Triq it-Tiġrija, ix-Xagħra. Aktar tagħrif fuq il-kors jista' jinkiseb minn fuq 23987000 (Malta), 21556275 (Għawdex), email: information@mcast.edu.mt jew fuq www.mcast.edu.mt.

L-applikazzjonijiet jintlaqgħu sat-2 ta' Diċembru 2005.

Id-29 ta' Novembru, 2005

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Improve your Career Prospects – Learning and Training Opportunities for Adults

The Malta College of Arts, Science and Technology will once again be organisig courses part-financed by the European Social Fund (ESF).

The following courses are intended for persons aged 26 years anvd over wishing to develop and/or upgrade their employability skills in one of the following areas.

Foundation Course in Motor Vehicle Service (no previous work experience or formal qualifications are necessary).

Basic Course in Panel Beating – Autobody Repairs (basic requirements: ability to work with hand tools and light machinery. Good hand and eye coordination are a must).

Automatic Gearbox – Service and Repair (this is an upgrading course intended for persosnss already working in the motor vehicle industry).

These courses are available on a part-time basis and may run during the evening and/or Saturday morning. The courses are free of charage and are inteded to start in December 2005.

Application forms are available from the MCAST Information and Support Centre, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola and MCAST Gozo Centre, 132, Triq it-Tiġrija, Xagħra. For further information on the course call 23987000 (Malta), 21556275 (Gozo), email: information@mcast.edu.mt or log on to www.mcast.edu.mt.

Applications will be received till the 2nd December 2005.

29th November, 2005

Fond Soċjali Ewropew (FSE)
Dawn il-Korsijiet huma skond il-Programm ta' Fondi Strutturali għal Malta 2004-2006
Proġett iffinanzjat in parti mill-Unjoni Ewropea:
Fond Soċjali Ewropew (FSE)
These Courses fall under the Structural Funds Programme for Malta 2004 – 2006
Projects Part-Financed by the European Union: European Social Fund (ESF)

EUROPEAN UNION

Vacancies for Senior Management Posts

The European Personnel Selection Office (EPSO), on behalf of the European Commission, has published the following calls for applications for the recruitment of Directors (Grade A*14) in the "Senior Management and Advisory Functions" section of its website at http://europa.eu.int/epso/index_en.htm.

The calls are:

1 Ref: COM/2005/10012 – Director for the Official Journal and Access to Law (Luxembourg) at the Office For Official Publications of the European Communities (Grade A*14) – Closing date 5 December 2005

2. Ref: COM/2005/10008 – Director in Directorate H – "Agricultural Legislation" in the Directorate-General for Agriculture and Rural Development. (Grade A*14) - Closing date 9 December 2005

The above vacancies are reserved for citizens from the ten new Member States of the European Union (Cyprus, Czech Republic, Estonia, Hungary, Latvia, Lithuania, Malta, Poland, Slovakia and Slovenia).

The vacancies were also published in the Official Journals No. C 274 A dated 5 November 2005 and No. C 276 A dated 9 November 2005 respectively in the languages of the ten new Member States. The Official Journals may be accessed through the above-mentioned EPSO website or through the website:
http://europa.eu.int/eur-lex/lex/JOHtml.do?uri=OJ:C:2005:274A:SOM:MT:HTML

and

http://europa.eu.int/eur-lex/lex/JOHtml.do?uri=OJ:C:2005:276A:SOM:MT:HTML

Further information on the full job description and duties, on eligibility, on qualifications and experience, on application details and other general information in respect of the above posts may be seen at:
http://europa.eu.int/comm/dgs/personnel_administration/working_senior_mgt_en.htm

In order to apply for any of the above posts one must register via the Internet by going to the above website (http://europa.eu.int/comm/dgs/personnel_administration/working_senior_mgt_en.htm) and following the instructions there concerning the various stages of the procedure. Candidates are to note that they should have an e-mail address, which will be used to identify their registration.

The closing date for registration for the above posts is noon of 5 December 2005 for post Ref: COM/2005/10012, and noon of 9 December 2005 for post Ref: COM/2005/10008. On-line registration will not be possible after 12.00 noon Brussels time on each of the respective dates.

The posts are being published in parallel with a number of other senior management posts. Candidates who wish to apply for more than one post must submit a separate application for each post.

The salary and conditions of employment are those laid down in the Staff Regulations for A*14 grade officials of the European Communities. Applicants should note the requirement under the Staff Regulations for all new staff to complete successfully a nine-month probationary period.

Candidates are advised that it is their responsibility to complete their online registration in time. They are strongly advised not to wait until the last few days before the deadline, since heavy internet traffic or a fault with their internet connection could lead to the online registration being terminated before having completed it, thereby obliging them to repeat the whole process. One will no longer be able to register one's inscription once the deadline for the submission of registration has passed.

Candidates are required to attach a curriculum vitae in word or pdf format to their application and to enter, online, a letter of motivation (maximum 8000 characters). Both the CV and letter must be written in either English, French or German.

Applicants with a disability that prevents them from registering online, may request, preferably by email from ADMIN-MANAGEMENT-ONLINE@CEC.eu.int a paper version of the form, which they should fill in, sign and return by email or registered mail, postmarked no later than the closing date for registration to: European Commission, Directorate-General 'Personnel and Administration', Organisation Chart and Management Staff Unit, MO 34 5/105, B-1049 Brussels. All subsequent communication between them and the Commission will be by post. Such applicants must enclose with their application form a certificate attesting their disability, issued by a recognised body. They should also set out, on a separate sheet of paper, any special arrangements they think are needed to make it easier for them to take part in further stages of the selection process.

Candidates are advised to carefully check whether they meet all eligibility criteria, particularly concerning the types of diploma and professional experience required, before submitting their application.

Department of Policy and Planning,
Management and Personnel Office,
Office of the Prime Minister,
Valletta

29th November, 2005

MINISTERU GĦALL-KOMPETITTIVITÀ U KOMUNIKAZZJONI

Riżultat ta' l-Intervista għall-Post ta' *Senior Legal Officer* fl-*EU Affairs Directorate* fi ħdan il-Ministeru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni

Is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni jgħarraf illi wieħed jista' jara r-riżultat ta' l-intervista għall-post imsemmi hawn fuq fin-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tad-Direttur (Servizzi Korporattivi) ta' l-istess Ministeru, f'Fafner House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda u fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċ ju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

Id-29 ta' Novembru, 2005

MINISTRY FOR COMPETITIVENESS AND COMMUNICATIONS

Result of the Interview for the Post of Senior Legal Officer in the EU Affairs Directorate within the Ministry for Competitiveness and Communications

The Permanent Secretary of the Ministry for Competitiveness and Communications notifies that the result of the interview held in respect of the above mentioned post may be viewed on the notice-board of the Office of the Director (Corporate Services) of the same Ministry, at Fafner House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

29th November, 2005

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET RURALI U L-AMBJENT

Id-Direttur Ġenerali tat-Taqsima għall-Konservazzjoni u Kontroll tas-Sajd jgħarraf li l-pixkerija se tkun magħluqa f'dawn il-ġranet li ġejjin: il-Ħamis it-8 ta' Diċembru 2005, it-Tlieta t-13 ta' Diċembru 2005, il-Ħadd il-25 ta' Diċembru 2005, it-Tnejn is-26 ta' Diċembru 2005, is-Sibt il-31 ta' Di-ċembru 2005, il-Ħadd l-1 ta' Jannar 2006, it-Tnejn it-2 ta' Jannar 2006 u kull nhar ta' Tnejn bejn it-2 ta' Jannar 2006 u s-17 ta' April 2006.

Mill-1 ta' Diċembru 2005 sat-30 ta' April 2006 is-suq jiftaħ fil-5.00 a.m. Bejn il-5.00 a.m. u s-6.00 a.m. jinxtara l-ħut mill-kumpraturi u wara s-6.00 a.m. jista' jidħol kulħadd.

Id-29 ta' Novembru, 2005

MINISTRY FOR RURAL AFFAIRS AND THE ENVIRONMENT

The Director General of the Fisheries Conservation and Control notifies that the Fish Market will remain closed on the following days: Thursday 8th December 2005, Tuesday 13th December 2005, Sunday 25th December 2005, Monday 26th December 2005, Saturday 31st December 2005, Sunday 1st January 2006, Monday 2nd January 2006 and every Monday from the 2nd January 2006 till the 17th April 2006.

From 1st December 2005 to the 30th April 2006, the Fish Market will open at 5.00 a.m. Between 5.00 a.m. and 6.00 a.m. fish will be bought by fish vendors and after 6.00 a.m. the public in general can enter the Fish Market.

29th November, 2005

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET RURALI U L-AMBJENT

Ħinijiet tal-Ftuħ tal-Pitkalija

Il-formoli ta' l-offerti jistgħu jinkisbu mill-*Cash Office,* Korporazzjoni għal Servizzi ta' l-Ilma, Ħal Luqa, u aktar informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet ta' dawn l-offerti jistgħu jinkisbu mit-Taqsima tal-Kuntratti u *Purchasing*, Triq Ħal Qormi, Ħal Luqa LQA 05, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

Id-29 ta' Novembru, 2005

supply of resilient gate valves.

A fee of Lm25 will be charged for each tender document.

Sealed tenders will be received at the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana, by not later than 10.00 a.m. on Tuesday, 17th January, 2006 for:-

Advt. No. CT/WSC/T/93/2005. Supply of used high-pressure cleaning and suction (jetting/suction) bowsers.

Advt. No. CT/WSC/T/94/2005. Supply of tankers for cesspit emptying.

A fee of Lm25 will be charged for each tender document.

Forms of tenders may be obtained from the Cash Office, Water Services Corporation, Luqa, and further information regarding the conditions of these tenders may be obtained from the Contracts and Purchasing Office, Triq Ħal Qormi, Luqa LQA 05, on any working day between 8.30 a.m. and noon.

29th November, 2005

TAQSIMA TAX-XOGĦLIJIET

Id-Direttur Ġenerali, Taqsima tax-Xogħlijiet, jgħarraf illi:–

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, id-9 ta' Diċembru, 2005, fit-Taqsima tal-Kuntratti u *Procurement,* Taqsima tax-Xogħlijiet, il-Furjana, jintlaqgħu offerti/kwotazzjonijiet magħluqin għal:-

Avviż Nru. 86/2005. Provvista u konsenja biss ta' *moulded granite paving steps* għax-xogħlijiet ta' rinovar taz-zuntier fil-Knisja Parrokkjali, iż-Żurrieq.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. 87/2005. Kuntratt perjodiku għall-provvista u konsenja ta' ġebla tal-franka biex tintuża mit-Taqsima tax-Xogħlijiet.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. 88/2005. Kuntratt perjodiku għall-provvista u konsenja fuq il-post ta' *unslaked* u *hydrated lime* (ġir) biex jintuża mit-Taqsima tax-Xogħlijiet.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

WORKS DIVISION

The Director General, Works Division, notifies that:–

Sealed tenders/quotations will be received at the Contracts and Procurement Section, Works Division, Floriana, up to 10.00 a.m. on Friday, 9th December, 2005, for:-

Advt. No. 86/2005. Supply and delivery only of moulded granite paving steps for the refurbishment works to parvis at Parish Church, Żurrieq.

A fee of Lm20 is to be paid for each copy of tender document.

Advt. No. 87/2005. Period contract for the supply and delivery of franka stone for use by the Works Division.

A fee of Lm10 is to be paid for each copy of tender document.

Advt. No. 88/2005. Period contract for the supply and delivery to site of unslaked and hydrated lime for use by the Works Division.

A fee of Lm10 is to be paid for each copy of tender document.

Avviż Nru. 89/2005. Kuntratt perjodiku għat-tgħabbija u ġarr ta' kantuni tal-ġebla tal-franka mill-Barriera Tar-Robba sa diversi postijiet f'Malta.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm5 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Kwot. Nru. 38/2005. Bejgħ tale quale ta' *residial timber off-cuts* mit-Taqsima tax-Xogħlijiet.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm3 għal kull kopja tad-dokument tal-kwotazzjoni.

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, is-16 ta' Diċembru, 2005, fit-Taqsima tal-Kuntratti u *Procurement,* Taqsima tax-Xogħlijiet, il-Furjana, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għal:-

Kwot. Nru. 39/2005. Provvista u konsenja ta' *mini dumper* biex jintuża mit-Taqsima tar-Restawr, Taqsima tax-Xogħlijiet.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm5 għal kull kopja tad-dokument tal-kwotazzjoni.

Il-formoli ta' l-offerti/kwotazzjonijiet jistgħu jinkisbu fuq il-ħlas rispettiv tagħhom mill-*Cash Office* tat-Taqsima tax-Xogħlijiet, Blokk A, il-Furjana, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar. Kull tagħrif ieħor jista' jinkiseb mit-Taqsima tax-Xogħlijiet, Taqsima tal-Kuntratti u *Procurement,* f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar.

Id-29 ta' Novembru, 2005

Advt. No. 89/2005. Period contract for the loading and transporting of franka stone blocks "Kantun" from Tar-Robba Quarry to various sites in Malta.

A fee of Lm5 is to be paid for each copy of tender document.

Quot. No. 38/2005. Sale tale quale of residial timber off-cuts by the Works Division.

A fee of Lm3 is to be paid for each copy of quotation document.

Sealed quotations will be received at the Contracts and Procurement Section, Works Division, Floriana, up to 10.00 a.m. on Friday, 16th December, 2005, for:-

Quot. No. 39/2005. Supply and delivery of a mini dumper to be used by the Restoration Unit, Works Division.

A fee of Lm5 is to be paid for each copy of quotation document.

Forms of tenders/quotations may be obtained against their respective payment from the Works Division, Cash Office, Block A, Floriana, on any working day between 8.00 a.m. and noon. Any further information may be obtained from the Works Division, Contracts and Procurement Section, on any working day between 8.00 a.m. and noon.

29th November, 2005

HERITAGE MALTA

Iċ-*Chief Executive Officer* tal-*Heritage Malta* jgħarraf illi:-

Sa nhar il-Ġimgħa, it-2 ta' Diċembru, 2005, fl-Uffiċċju tal-Heritage Malta, Bini ta' l-Università Qadima, Triq il-Merkanti, Valletta, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. TRX.03.01.05. Taħmil ta' ħamrija b'mezzi mekkaniċi fin-naħa tal-Grigal fit-Tempji ta' Ħal Tarxien.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull dokument ta' l-offerta.

Il-formoli ta' l-offerta u kull tagħrif ieħor jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju tal-Heritage Malta, Bini ta' l-Università l-Qadima, Triq il-Merkanti, Valletta, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar u s-1.30 p.m. sat-3.30 p.m.

Id-29 ta' Novembru, 2005

HERITAGE MALTA

The Chief Executive Officer notifies that:-

Sealed tenders will be received at the Offices, Heritage Malta, Old University Building, Triq il-Merkanti, Valletta, by not later than Friday, 2nd December, 2005, for:-

Advt. No. TRX.03.01.05. Excavation of soil using mechanical means in an area to the North-East of Tarxien Temples, Tarxien.

A fee of Lm10 is to be paid for each tender document.

Forms of tenders and other information may be obtained from the Heritage Malta Head Office, Old University Building, Triq il-Merkanti, Valletta, on any working day between 8.30 a.m. till noon and 1.30 p.m. till 3.30 p.m.

29th November, 2005

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Il-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija jgħarraf illi tilqa' espressjonijiet ta' interess minn *stand contractors* biex jorganizzaw u/jew itellgħu *exhibitors' stands* fl-Esibizzjoni ta' Taħriġ Vokazzjonali li jmiss fit-*Trade Fair Grounds*, in-Naxxar (EXP 08/05).

Dawk interessati għandhom jibagħtu tagħrif fil-qosor fuq il-kumpannija f'*envelope* magħluq immarkat *"EXP 08/05 Organisation and Setting Up of Exhibitors Stands"*. Il-proposti għandhom jiġu indirizzati lill-Prinċipal, MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid. It-tagħrif fil-qosor għandu jintefa' fil-kaxxa apposta, mhux aktar tard mit-Tnejn, 12 ta' Diċembru 2005 fis-2.00 p.m.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb minn fuq numru tat-telefon 21413156 jew 99492259. Offerti li jaslu tard ma jiġux aċċettati. Il-Kulleġġ iżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta jew l-offerti kollha, ukoll dawk l-aktar vantaġġużi.

Id-29 ta' Novembru, 2005

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

The Malta College of Arts, Science and Technology is calling for expressions of interest from stand contractors to organise and/or set up exhibitors' stands in the forthcoming Vocational Training Exhibition at the Trade Fair Grounds, Naxxar (EXP 08/05).

Interested parties should submit a company profile in a sealed envelope marked "EXP 08/05 Organisation and Setting Up of Exhibitors Stands". Proposals should be addressed to the Principal, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola. All profiles are to be deposited in the appropriate box, by not later than Monday, 12th December 2005 at 2.00 p.m.

Further information can be obtained on telephone number 21413156 or 99492259. Late offers will not be accepted. The College reserves the right to refuse any or all offers, even the most advantageous.

29th November, 2005

SERVIZZI FARMAĊEWTIĊI TAL-GVERN

Id-Direttur tas-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern, Guardamangia jgħarraf illi:-

Sad-9.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, is-6 ta' Diċembru, 2005 fil-Kaxxa Ħadra fir-*reception area* tas-Servizzi Farmaċ ewti-ċi tal-Gvern, Guardamangia, l-Imsida, Malta, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin, għal:-

Kwot. PFI Nru. 2354. *Pentamidine nebulizer solution.*
Kwot. PFI Nru. 2355. *Ethambutol 100mg tabs.*
Kwot. PFI Nru. 2356. *Phenol 5% W/V oily injections.*
Kwot. PFI Nru. 2357. *Guide wires for seldinger technique.*
Kwot. PFI Nru. 2358. *Dimercaptosuccinic acid (D.M.S.A) isotpe kits.*
Kwot. PFI Nru. 2359. *Diethylenetriamine penta-acetate (D.T.P.A) isotope kits.*
Kwot. PFI Nru. 2360. *Sheehy fascia press.*
Kwot. PFI Nru. 2361. *Crile wood needle holder.*

Il-*PFI's* imsemmija hawn fuq jistgħu jinkisbu minn fuq http://www.sahha.gov.mt/pages.aspx?page=240.

Aktar tagħrif jistgħu jinkisbu mis-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

Il-25 ta' Novembru, 2005

GOVERNMENT PHARMACEUTICAL SERVICES

The Director, Government Pharmaceutical Services, Guardamangia notifies that:

Sealed quotations are to be dropped in the Green Box at the reception area of the Government Pharmaceutical Services, Guardamangia, Msida, Malta, by 9.00 a.m. of Tuesday, 6th December 2005, for:-

Quot. PFI No. 2354. Pentamidine nebulizer solution.
Quot. PFI No. 2355. Ethambutol 100mg tabs.
Quot. PFI No. 2356. Phenol 5% W/V oily injections.
Quot. PFI No. 2357. Guide wires for seldinger technique.
Quot. PFI No. 2358. Dimercaptosuccinic acid (D.M.S.A) isotpe kits.
Quot. PFI No. 2359. Diethylenetriamine penta-acetate (D.T.P.A) isotope kits.
Quot. PFI No. 2360. Sheehy fascia press.
Quot. PFI No. 2361. Crile wood needle holder.

All the above PFI's can be downloaded from http://www.sahha.gov.mt/pages.aspx?page=240.

Further information may by obtained from the Government Pharmaceutical Services on any working day between 8.30 a.m. and noon.

25th November, 2005

DIPARTIMENT TAS-SAĦĦA

Id-Direttur Ġenerali (Saħħa) jgħarraf illi:–

Sa nofsinhar ta' nhar it-Tlieta, l-20 ta' Diċembru 2005, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

Avviż Nru. MCH239/2005. Provvista ta' tindif u servizzi anċillari għall-Isptar Monte Karmeli.

Il-formoli ta' l-offerta u aktar tagħrif dwar il-kundizzjonijiet ta' din l-offerta jistgħu jinkisbu mit-Taqsima ta' l-*Accounts,* Sptar Monte Karmeli, Triq Notabile, Ħ'Attard mit-8.00 a.m. sa nofsinhar.

Id-29 ta' Novembru, 2005

DEPARTMENT OF HEALTH

The Director General (Health) notifies that:-

Sealed tenders will be received up to noon of Tuesday, 20th December 2005, for:-

Advt. No. MCH239/2005. Supply of cleaning and ancillary services for Mount Carmel Hospital.

Forms of tender and further information regarding the conditions of this tender may be obtained from the Accounts Section at Mount Carmel Hospital, Triq Notabile, Attard from 8.00 a.m. to noon.

29th November, 2005

KUNSILL MALTI GĦALL-ISPORT

Il-Kunsill Malti għall-Isport jgħarraf illi sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, is-6 ta' Jannar, 2006, jintlaqgħu offerti magħluqin għal xiri ta' *motor tractor* għall-Kumpless Sportiv tal-Marsa.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm25 ma' kull dokument ta' l-offerta.

Id-dokumenti ta' l-offerta u kundizzjonijiet tal-kuntratt jistgħu jinġabru mill-*Accounts Office* tal-Kunsill Malti għall-Isport, Cottonera Sports Complex, f'kull ġurnata tax-xogħol matul il-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

Id-29 ta' Novembru, 2005

KUNSILL MALTI GĦALL-ISPORT

The Kunsill Malti għall-Isport notifies that sealed tenders will be received up to noon of Friday, 6th January, 2006, for the purchase of a motor tractor for the Marsa Sports Complex.

A payment of Lm25 is to be effected on collection of the tender document.

Tender documents and conditions may be collected from the Accounts Office of the Kunsill Malti għall-Isport Cottonera Sports Complex, on any working day during office hours.

29th November, 2005

STAMPERIJA TAL-GVERN

L-Aġent Direttur, Stamperija tal-Gvern, jgħarraf illi:–

Sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, is-16 ta' Diċembru, 2005, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

Avviż Nru. 9/2005. Provvista ta' kartonċin.

Il-formoli ta' l-offerta jistgħu jinkisbu mill-i*Store Procurement Section,* Stamperija tal-Gvern, 29A, Qasam Industrijali, il-Marsa, matul il-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

Id-29 ta' Novembru, 2005

GOVERNMENT PRINTING PRESS

The Acting Director, Government Printing Press, notifies that:–

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. on Friday, 16th December, 2005, for:–

Advt. No. 9/2005. Supply of bristol board.

Forms of tender may be obtained from the Store Procurement Section, Government Printing Press, 29A, Industrial Estate, Marsa, during normal office hours.

29th November, 2005

DIPARTIMENT TAT-TURIŻMU

Id-Direttur tad-Dipartiment tat-Turiżmu u Servizzi Korporattivi, fi ħdan il-Ministeru għat-Turiżmu u l-Kultura, jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar it-Tnejn, id-19 ta' Diċembru 2005, fil-kaxxa ta' l-offerti fid-Dipartiment tat-Turiżmu, 172, Triq Melita, Valletta, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. 04/2005. Kiri ta' karozzi *self-drive*.

Il-formoli ta' l-offerta u aktar tagħrif jistgħu jinkisbu mir-*Reception Desk,* Dipartiment tat-Turiżmu, 172, Triq Melita, Valletta, matul il-ħinijiet normali ta' l-uffiċċju.

Id-29 ta' Novembru, 2005

DEPARTMENT OF TOURISM

The Director of Tourism and Corporate Services, within the Ministry for Tourism and Culture, notifies that:-

Sealed tender forms will be received in the tender box at the Department of Tourism, 172, Triq Melita, Valletta up to noon of Monday, 19th December 2005 for:-

Advt. No. 04/2005. Hire of self-drive cars.

Tender forms and any further information may be obtained from the Reception Desk of the Department of Tourism, 172, Triq Melita Valletta, during normal working office hours.

29th November, 2005

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX

Id-Direttur tal-*Customer Services,* Ministeru għal Għawdex, jgħarraf illi:–

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, id-9 ta' Diċembru, 2005, fil-Ministeru għal Għawdex, Taqsima ta' l-*Accounts*, Dipartiment għas-Servizzi Korporattivi, ir-Rabat, Għawdex jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

Avviż Nru. D. Cust. S. 48/2005. Xiri ta' ħġieġ *laminated* għad-Dipartiment tal-*Customer Services*, Għawdex.

L-offerti għandhom isiru fuq il-formoli preskritti li flimkien mal-kundizzjonijiet relattivi jistgħu jinkisbu mit-Taqsima ta' l-*Accounts,* Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għal Għawdex, ir-Rabat, Għawdex f'kull ġurnata tax-xogħol waqt il-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

Id-29 ta' Novembru, 2005

MINISTRY FOR GOZO

The Director of Customer Services, Ministry for Gozo, notifies that:-

Sealed tenders will be received at the Ministry for Gozo, Accounts Section, Department of Corporate Services, Victoria, Gozo by not later than 10.00 a.m. of Friday, 9th December, 2005, for:-

Advt. No. D. Cust. S 48/2005. Supply of laminated glass for the Department of Customer Services, Gozo.

Tenders should be drawn up on the prescribed forms which, together with the relative conditions can be obtained from the Accounts Section, Department of Corporate Services, Ministry for Gozo, Victoria, Gozo on any working day during office hours.

29th November, 2005

KUNSILL LOKALI NAXXAR

Il-Kunsill Lokali Naxxar jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar it-Tnejn, it-12 ta' Diċembru 2005, fil-kaxxa ta' l-offerti fil-Kunsill Lokali Naxxar, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. T07/05. Servizzi ta' *handymen*.

Għandu jithallas dritt ta' Lm10 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. T08/05. Stampar ta' pubblikazzjoni ta' ktieb.

Għandu jithallas dritt ta' Lm10 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Disinn u oriġinazzjoni, *films* u stampar skond l-ispeċifikazzjonijiet li ġejjin:

Materjal: 110grms *art paper* matt għall-paġni ta' ġewwa
200grms *art paper* matt għall-qoxra
48 paġni 4 + 4 + *cover* 4 + 0
Stapled

Optional: Spot Varnish

Run: 5000 kopja + *extra* 1000 kopja

Ritratti jiġu mogħtija mill-Kunsill b'format diġitali fuq CD

Text jiġi mogħti mill-Kunsill b'*PC format* diġitali

Id-dokumenti ta' l-offerta relattivi jistgħu jinġabru mill-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali Naxxar, 18, Ċentru Ċiviku, Vjal il-21 ta' Settembru, in-Naxxar, bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar u mis-2.00 p.m. u l-4.00 p.m. (mit-Tnejn sal-Ġimgħa).

L-offerti jinfetħu fil-pubbliku minnufih wara d-data u l-ħin ta' l-għeluq.

Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu wkoll ikunu spezzjonati mingħajr ħlas waqt l-istess ħinijiet.

Il-Kunsill Lokali Naxxar iżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta.

Id-29 ta' Novembru, 2005

NAXXAR LOCAL COUNCIL

The Naxxar Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received in the tender box at the Naxxar Local Council up to noon of Monday, 12th December 2005 for:-

Advt. No. T07/05. Handymen services.

A fee of Lm10 is to be paid for each copy of tender document.

Advt. No. T08/05. Printing of illustrated book.

A fee of Lm10 is to be paid for each copy of tender document.

Design and origination, films and printing with the following specifications:

Material: 110grms art paper matt for inside pages
200grms art paper matt for cover
48 pages 4 + 4 + cover 4 + 0
Stapled

Optional: Spot Varnish

Run: 5000 copies + extra 1000 copies

Photo to be supplied by the Local Council in digital format on CD

Text to be supplied by the Local Council in digital PC format

Relative tender documents may be collected from the Naxxar Local Council's Offices, 18, Civic Centre, Vjal il-21 ta' Settembru, Naxxar from 8.00 a.m. to noon and from 2.00 p.m. to 4.00 p.m. (Monday to Friday).

Tenders will be opened in public immediately after the closing date and time.

Tender documents may also be inspected during the same hours free of charge.

The Naxxar Local Council reserves the right to refuse any offer.

29th November, 2005

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

2498

Ikun jaf kulhadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-20 ta' Ottubru 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Alex Busuttil (ID 31369M) ta' Sunflower, Triq il-Ġiżimin, Swieqi, ippreżenta Talba fil-15 ta' Marzu 2005, fejn talab lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Esmail Elamrousy (ID 15512A) ta' 110, P.P. Caruana Street, Bormla, iħallas lill-attur is-somma ta' erba' mija u sittax-il lira Maltija u wieħed u sebgħin ċenteżmu (Lm416.71) liema ammont huwa dovut lill-attur.

Bl-ispejjeż.

Il-kawża (Talba Numru 659/05PBC) hija differita għas-6 ta' Diċembru 2005 fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 23 ta' Novembru 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Civili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 20th October 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Alex Busuttil (ID 31369M) of Sunflower, Triq il-Ġiżimin, Swieqi, filed a Claim on the 15th March 2005, whereby he asked the Tribunal to condemn Esmail Elamrousy (15512A) of 110, P.P. Caruana Street, Bormla, to pay the plaintiff the sum of four hundred and sixteen Maltese liri and seventy one (Lm416.71) which amount is due to the plaintiff.

With costs.

The case (Claim Number 659/05PBC) is put off on the 6th December 2005 at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 23rd November 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2499

Ikun jaf kulhadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-30 ta' Settembru 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Middlesea Insurance plc (C5553) proprio u hekk kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat tagħha Marvic Micallef (ID 31382M) sija bil-polza kif ukoll bil-liġi u l-istess Marvic Micallef (ID 31382M) ta' Middle Sea House, il-Furjana, ppreżentaw Talba fit-13 ta' Ġunju 2005, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Daniela Azzopardi ta' 59, Flat 4, Triq il-Konservatorju, il-Furjana tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mitejn u erbgħa u għoxrin lira Maltija u tlieta u erbgħin ċenteżmu (Lm224.43) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi rigward inċident awtomobilistiku li ġara fil-5 ta' Frar 2003 f'Bormla.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (Talba Numru 1277/05PM) hija differita għas-7 ta' Diċembru 2005 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 23 ta' Novembru 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 30th September 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Middlesea Insurance plc (C-5553) proprio and as subrogated in the rights of the insured Marvic Micallef (ID 31382M) both by policy and by law and the same Marvic Micallef (ID 31382M) of Middle Sea House, Floriana, filed a Claim on the 13th June 2005, whereby they asked the Tribunal to condemn Daniela Azzopardi of 59, Flat 4, Triq il-Konservatorju, Floriana, to pay the plaintiff company the sum of two hundred and twenty four Maltese liri and forty three cents (Lm224.43) which amount is due to the plaintiff company in connection with an accident which happened on the 5th February 2003 in Cospicua.

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 1277/05PM) is put off for the 7th December 2005 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 23rd November 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2500

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tas-17 ta' Ottubru 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Maltacom p.l.c. (C22334) ta' Spencer Hill, Marsa, ippreżentaw Talba, fit-3 ta' Ġunju 2005, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Josephine Sant (ID 112357M) ta' 30, Triq Patri Magri, il-Ħamrun, tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' elf lira Maltija u sebgħa u disgħin centeżmu (Lm1000.97) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (Talba Numru 1207/05PM) hija differita għas-7 ta' Diċembru 2005 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 23 ta' Novembru 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 17th October 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Maltacom p.l.c. (C22334) of Spencer Hill, Marsa, filed a Claim on the 3rd June 2005 whereby they asked the Tribunal to condemn Josephine Sant (ID 112357M) of 30, Triq Patri Magri, Ħamrun, to pay the plaintiff company the sum of one thousand Maltese liri and ninty seven cents (Lm1,000.97) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interest.

The case (Claim Number 1207/05PM) is put off to the 7th December 2005 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 23rd November 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2501

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fis-6 ta' Settembru 2005, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali numru 3434/05, fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud vs Anthony Borg pro et noe, ordnat illi l-ittra uffiċjali hawn taħt riprodotta tiġi notifikata lil intimat pro et noe, bil-pubblikazzjoni a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, illum 29 ta' Lulju 2005

Lil Anthony Borg f'ismek personali kif ukoll bħala direttur għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà KD Commercials Ltd.

Permezz tal-preżenti, il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, jinterpellak ai termini ta' l-Artikolu 48 ta' l-Att XII ta' l-1994, sabiex fi żmien jumejn (2) min-notifika ta' dan l-att, tħallas l-ammont ta' wieħed u għoxrin elf, tmien mija u għaxar liri Maltin (Lm21,810) rappreżentanti ammont dovut minnek pro et noe, skond l-istess Att.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax skond dak l-Att sad-data ta' l-effettiv pagament.

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi u partikolarment, iżda mhux esklussivament, sabiex tirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv li għandu l-istess Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud kontra tiegħek permezz ta' l-Avviż li ntbagħat lilek.

Fin-nuqqas, il-mittenti javżak li ser igħaddi sabiex jezegwixxi l-imsemmi titolu eżekuttiv li hu għandu kontra tiegħek pro et noe permezz tal-mandati opportuni.

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 6th September 2005, in the records of the judicial letter No. 3434/05, in the names Commissioner for Value Added Tax vs Anthony Borg pro et noe, ordered that the judicial letter hereunder reproduced be notified upon the respondent pro et noe, by publication in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the First Hall Civil Court, today 29th July 2005

To Anthony Borg in his own name and as director in the name and in representation of the company KD Commercials Ltd.

By the present, the Commissioner for Value Added Tax, calls upon you in terms of Article 48 of Act XII of 1994, so that within two days (2) from the service of this act, you pay the amount of twenty one thousand, eight hundred and ten Maltese liri (Lm21,810) representing amount due by you pro et noe, according to the same Act.

With costs and interest according to that act till the date of effective payment.

This calling is being made for all intents and purposes of law and particulary but not exclusively, in order to render executable the title which the same Commissioner for Value Added Tax, has against you by means of the notice sent to you.

Failing which, the interpellant warns you that he shall pass to execute the said executive title he has against you pro et noe by means of the opportune warrants.

Tant biex tirregola ruħek u tagħraf timxi.

Mittenti: Centre Point Building, Ta' Paris Road, Birkirkara.

Notifika: Intimat: 'Sea Haven', Flat 8, Triq is-Simar, San Pawl il-Baħar.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum 23 ta' Novembru 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali.

So much so that you may know how to regulate yourself and how to proceed.

Interpellant: Centre Point Building, Ta' Paris Road, Birkirkara.

Notify: Respondent: 'Sea Haven', Flat 8, Simar Street, Saint Paul's Bay.

Registry of the Superior Courts, today 23rd November 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals.

2502

MIR-REĠISTRU
TAL-PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Billi l-attur Joseph sive Joanne Cassar ippreżenta ċitazzjoni (Nru. 837/05 NC) fejn talab il-KORREZZJONI TA' L-ATT TAT-TWELID numru 5353/1981 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja taċ-ċitazzjoni hawn fuq imsemmija bil-ġurnata li tiġi mogħtija għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti.

Reġistru tal-Qorti Superjuri,
Illum 24 ta' Novembru, 2005.

BRUNO ZAHRA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

REGISTRY OF THE
CIVIL COURT, FIRST HALL

Whereas the plaintiff Joseph sive Joanne Cassar filed a writ-of-summons (No. 837/05 NC) demanding CORRECTIONS in the ACT OF BIRTH number 5353/1981 in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said writ-of-summons, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court.

Registry of the Superior Court,
This 24th of November, 2005.

BRUNO ZAHRA
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

2503

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-31 ta' Ottubru 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

JB Stores Limited (C-15755), ta' JB House, Iklin Road, Ħal Lija, ippreżentaw Talba fit-8 ta' Awissu 2005, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Jonathan Grima (ID 441875M) ta' 264, Flat 3, Triq Sant' Ursula, Valletta jħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' sebgħau tmenin lira Maltija u disgħin ċenteżmu (Lm87.90) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi għar-raġunijiet indikati fl-Avviż.

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 31st October 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

JB Stores Limited (C-15755) of JB House, Iklin Road, Lija, filed a claim on the 8th August 2005, whereby they asked the Tribunal to condemn Jonathan Grima (ID 441875M) of 264, Flat 3, Triq Sant' Ursula, Valletta to pay the plaintiff company the sum of eighty seven Maltese liri and ninty cents (Lm87.90) for reasons indicated in the writ of summons.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax.

Il-kawża (Talba Numru 1650/05 DC) hija differita għall-15 ta' Diċembru 2005 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 24 ta' Novembru 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

With costs and interests.

The case (Claim Number 1650/05 DC) is put off to the 15th December 2005 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 24th November 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2504

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, ta' l-24 ta' Ottubru 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma f'isimha proprju u għan-nom ta' l-Enemalta ta' Triq Qormi, Ħal Luqa LQA 05 ippreżentaw Talba fl-20 ta' Lulju 2005 fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Joseph Cremona (75156M) ta' Omega Court, Flat 8, Triq Ananija, San Pawl il-Baħar iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mija u għaxar liri Maltin u disgħa u erbgħin ċenteżmu (Lm110.49) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet kummerċjali.

Il-kawża (Talba Numru 1549/05DC) hija differita għall-5 ta' Diċembru 2005 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 24 ta' Novembru 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 24th October 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Water Services Corporation in its own behalf and on behalf of Enemalta of Triq Qormi, Luqa LQA 05 filed a Claim on the 20th July 2005, whereby they asked the Tribunal to condemn Joseph Cremona (75156M) of Omega Court, Flat 8, Triq Ananija, St Paul's Bay to pay the plaintiff company the sum of one hundred and ten Maltese liri and forty nine cents (Lm110.49) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and commercial interests.

The case (Claim Number 1549/05DC) is put off for the 5th December 2005 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 24th November 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2505

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-25 ta' Ottubru 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Chemcare Ltd (C21368) ta' 245, G. Mitrovich Street, Pembroke, ippreżentaw Talba fis-26 ta' Awissu 2005, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Evarist Ltd (C31844) ta' 10, Hevan Lodge, St George's Junction, San Ġiljan, iħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mitejn u sbatax -il lira Maltija u tlettax -il ċenteżmu (Lm217.13) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Il-kawża (Talba Numru 1693/05ISB) hija differita għas-6 ta' Diċembru 2005 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 24 ta' Novembru 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali.

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 25th October 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Chemcare Ltd (C-21368) of 245, G. Mitrovich Street, Pembroke, filed a Claim on the 26th August 2005 whereby they asked the Tribunal to condemn Evarist Ltd (C-31844) of 10, Haven Lodge, St George's Junction, St Julians, to pay the plaintiff company the sum of two hundred and seventeen Maltese liri and thirteen cents (Lm217.13) which amount is due to the plaintiff company.

The case (Claim Number 1693/05ISB) is put off to the 6th December 2005 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 24th November 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals.

2506

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tas-26 ta' Settembru 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Elmo Insurance Limited (C3500), kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat tagħha James Cosaitis (ID 367765M) u l-istess James Cosaitis (ID 367765M) ta' Abate Rigord Street, Ta' Xbiex, ippreżentaw Talba fl-20 ta' Lulju, 2005, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Mario Mifsud ta' 8/1, Triq il-Foss, il-Birgu jħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mitejn u sebgħa u sebgħin lira Maltija u tnejn u tmenin ċenteżmu (Lm277.82) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi in konnessjoni ma' inċident awtomobilistiku li seħħ fit-23 ta' Ġunju 2003 fil-Fgura.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali.

Il-kawża (Talba Numru 1545/05 DC) hija differita għat-12 ta' Diċembru 2005 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 24 ta' Novembru 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 26th September 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Elmo Insurance Limited (C3500) as subbrogated in the rights of her insured James Coisaitis (ID 367765M) and the same James Cosaitis (ID 367765M) of Abate Rigord Street, Ta' Xbiex, filed a claim on the 20th July 2005, whereby they asked the Tribunal to condemn Mario Mifsud of 8/1, Triq il-Foss, Vittoriosa to pay the plaintiff company the sum of two hundred and seventy seven Maltese liri and eighty two cents (Lm277.82) which amount is due to the plaintiff company in connection with a collision which happened on the 23rd of June 2003 in Fgura.

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 1545/05DC) is put off to the 12th December 2005 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 24th November 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2507

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-12 ta' Ottubru 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Valhmor Borg Import Export Limited (C3062) ta' Pinto Wharf, Marsa, ippreżentaw Talba fid-29 ta' Marzu 2005, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil J.F. Caterers Limited u John Bugeja solidalment bejniethom ta' c/o Café Premier, Pjazza Reġina, Valletta, iħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' erba' mija u sebgħa u erbgħin lira Maltija u seba' ċenteżmi (Lm447.07) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali.

Il-kawża (Talba Numru 733/05PM) hija differita għall-1 ta' Diċembru 2005 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 24 ta' Novembru 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 12th October 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Valhmor Borg Import Export Ltd of Pinto Wharf, Marsa, filed a claim on the 29th March 2005 whereby they asked the Tribunal to condemn J.F. Caterers Limited and John Bugeja jointly and severally liable of c/o Café Premier, Pjazza Reġina, Valletta to pay the plaintiff company the sum of four hundred and forty seven Maltese liri and seven cents (Lm447.07) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 733/05PM) is put off to the 1st December 2005 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 24th November 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2508

Ikun jaf kulhadd illi b'digriet tad-19 ta' Novembru 2005, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Volontarja, ordnat ix-xandir tal-bandu hawn taħt riprodott għall-finijiet ta' l-artikolu 533(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

It is hereby notified that by a decree dated the 19th November 2005, the Court of Magistrates (Gozo) Voluntary Jurisdiction, ordered the publication of the banns reproduced hereunder for the purposes of section 533(1) of Chapter 12 of the Laws of Malta.

Bandu għall-Ftuħ ta' Testment Sigriet

Banns for the publication of a secret will

REPUBBLIKA TA' MALTA

REPUBLIC OF MALTA

Lill-Marixxall tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

To the Marshal of the Court of Magistrates (Gozo)

Billi b'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Volontarja fid-19 ta' Novembru 2005 fuq rikors numru 103/2005(CSH) ta' Jane Micallef, ġie ffissat il-jum tal-Ħamis il-15 ta' Diċembru 2005 f'nofsinhar fis-sigrieta tal-Maġistrat f'din il-Qorti għall-pubblikazzjoni tat-testment sigriet ta' Paola Attard armla ta' Giuseppi Attard, bint il-mejtin Salvatore Mercieca u Grazia Mercieca née Camilleri, imwielda u kienet toqgħod in-Nadur, Għawdex u li mietet ir-Rabat, Għawdex fis-27 ta' Lulju 2005 (Karta ta' Identità numru 45523(G)), liema testment kien ippreżentat fir-Reġistru ta' din il-Qorti min-Nutar Dott. Michael Refalo fit-13 ta' Ġunju 2003, u liema pubblikazzjoni għandha ssir ad opera ta' l-istess Nutar.

Whereas by virtue of a decree delivered by the Court of Magistrates (Gozo) in its Voluntary Jurisdiction on the 19th November 2005 in the records of application number 103/2005(CSH) by Jane Micallef, Thursday, 15th December 2005 at noon in the Magistrate's Chamber of this Court, has been scheduled for the publication of the secret will of Paola Attard widow of Giuseppi Attard, daughter of the late Salvatore Mercieca and of the late Grazia Mercieca née Camilleri, born in Nadur, Gozo, where she used to reside and who died at Victoria, Gozo, on the 27th July 2005 (Identity Card number 45523(G)), and which will was filed in this Court by Notary Dr Michael Refalo on the 13th June 2003. This said publication is to be effected by said Notary.

Inti għaldaqstant, ordnat li billi titwaħħal kopja ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti, tgħarraf lil kull min għandu interess li fil-jum, ħin u lok fuq imsemmi ssir il-pubblikazzjoni tat-testment sigriet hawn fuq imsemmi.

You are therefore ordered to affix a copy of these banns at the entrance of this Court, informing all those interested that on the above said day, time and place, the publication of the above said secret will will be effected.

U wara li tagħmel dan inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

And having done so you are to inform forthwith this Court.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Volontarja bix-xhieda ta' Dottor Consuelo Scerri Herrera, Duttur tal-Liġi, Maġistrat ta' din il-Qorti.

Given by the Court of Magistrates (Gozo) Voluntary Jurisdiction, and witnessed by Dr Consuelo Scerri Herrera, LL.D., a Magistrate of this Court.

(ft.) C. Scerri Herrera
Maġistrat

(sgd.) C. Scerri Herrera
Magistrate

Illum 19 ta' Novembru 2005

This 19th November 2005

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Volontarja

Registry of the Court of Magistrates (Gozo) Voluntary Jurisdiction

Illum 25 ta' Novembru 2005

This 25th November 2005

MARY JANE ATTARD
Deputat Reġistratur

MARY JANE ATTARD
Deputy Registrar

2509

Ikun jaf kulħadd, illi l-Qorti ta' l-Appell, permezz ta' digriet mogħti fil-15 ta' Novembru 2005, fl-atti ta' l-Avviż Numru 4/05, fl-ismijiet Rene Savona Ventura vs Crosscraft Ltd-Clyde Farrugia Vella, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tar-rikorrenti Rene Savona Ventura, a tenur ta' l–Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' rikors ippreżentat fil-Qorti ta' l-Appell, fis-16 ta' Settembru 2005, fl-atti ta' l-Avviż Numru CCT 22.05, fl-ismijiet Rene' Savona Ventura vs Crosscraft Ltd – Clyde Farrugia, is-soċjetà intimata Crosscraft Ltd u Clyde Farrugia, esponew bir-rispett:

Illi fl-Avviż tiegħu quddiem it-Tribunal tal-Konsumaturi, ir-rikorrenti talab danni ta' elf u ħames mitt lira Maltin (Lm1,500) rappreżentanti replacement ta' saqaf ta' caravan li ġralu l-ħsara waqt maltempata tas-silġ.

Illi l-intimat irrespinġa t-talbiet a bażi tal-fatt illi s-saqaf in kwistjoni huwa saqaf illi huwa skond l-istandards mitluba mill-Unjoni Ewropea u eċċepixxa illi għad-danni in kwistjoni huwa ma kienx responsabbli.

Illi fis-sentenza tiegħu mogħtija nhar it-23 ta' Awissu 2005, l-Onorabbli Tribunal iddeċieda illi jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte b'dan illi s-soċjetà intimata kellha tħallas is-somma ta' Lm400, lir-rikorrent.....

.....Omissis.....

Illi s-soċjetà esponenti ħasset ruħha aggravata bis-sentenza tat-Tribunal tat-23 ta' Awissu 2005, u għalhekk qed tinterponi umli appell minnha quddiem din l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell kompetenti.

Illi l-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

1. Illi m'hemm ebda relazzjoni ġuridika bejn ir-rikorrenti Savona Ventura u Clyde Farrugia Vella, illi huwa direttur tas-soċjetà esponenti. Illi kienet is-soċjetà Crosscraft Ltd illi biegħet il-karavan mertu tal-kawża lir-rikorrenti u mhux Clyde Farrugia Vella.....Omissis.....

2. Illi s-socjetà esponenti ġiet imċaħħda mid-dritt ta' smigħ xieraq (audi alteram parte).....Omissis.....

3. Illi t-Tribunal mingħajr ma sema jew ippermetta illi jittellgħu provi xjentifiċi dwar il-kwalità tal-materjal illi minnu huwa magħmul is-saqaf mertu tal-kawża, qatt ma seta' jgħaddi sabiex jiddeċiedi fuq danni illi ġew ikkalkolati fl-ammont ta' Lm400.00.....Omissis.....

4. Illi fl-umli opinjoni ta' l-esponenti t-Tribunal la hu u lanqas qatt ma kien espert ta' l-aluminium kif lanqas m'hu

It is hereby notified that the Court of Appeal by means of a decree given on the 15th November 2005, in the records of the Notice Number 4/05, in the names Rene SavonaVentura vs Crosscraft Ltd- Clyde Farrugia Vella, ordered the following publication for the purpose of service of the applicant Rene Savona Ventura in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of an application, filed in the Court of Appeal on the 16th September 2005, in the records of the Notice Number CCT 22.05, in the names Rene' Savona Ventura vs Crosscraft Ltd and Clyde Farrugia, pleaded with respect:

That in his Notice before the Consumers Tribunal the applicant demanded damages of one thousand five hundred Maltese liri (Lm1,500) representing the replacement of a caravan's roof which was damaged during a snow storm.

The respondent rejected the demands on the basis of the fact that the roof in question is one according to the standards demanded by the European Union and pleaded that he was not responsible for the damages in question.

That is his judgement given on the 23rd August 2005, the Honourable Tribunal, decided by upholding in part the demand of the applicant and the respondent company had to pay the sum of Lm400 to the applicant.....

.....Omissis.....

That the appellant company felt aggrieved by the judgement of the Tribunal of the 23rd August 2005, and is thus humbly filing an appeal there from before this competent Court of Appeal.

That the grievances are clear and manifest and consist in the following:

1. That there is no juridical relationship between the applicant Savona Ventura and Clyde Farrugia Vella who is a director of the appellant company. That it was the company Crosscraft Ltd which sold the caravan merit of this cause and not Clyde Farrugia Vella.....Omissis.....

2. That the applicant company was deprived of the right of fair hearing (audi alteram parte).....Omissis.....

3. That the Tribunal without hearing or permitting that scientific proof be brought regarding the quality of the material out of which the roof merit of the cause is made, could never have passed on to decide regarding the damages which were calculated in the amount of Lm400.00 .....Omissis.....

4. That in the humble opinion of the appellant the Tribunal is not and was never an expert in aluminium, as well as not

espert tal-caravans.

5.....Omissis.....

6.....Omissis.....

7. Illi t-Tribunal fis-sentenza tiegħu meta kkunsidra ċ-ċirkostanzi tal-każ innota illi s-soċjetà intimata ma tagħtix garanzija fuq is-saqaf. Illi bir-rispett kollu l-anqas ma jagħtu garanzija l-manufatturi ewlenin tal-karozzi fuq id-durabilità tal-materjal tagħhom f'każ ta' maltempata bis-silġ.....Omissis.....

Illi f'każijiet bħal dawn meta l-Qorti tintalab tistħarreġ jekk vettura jew il-pjanċi li minnhom tkun magħmula humiex ta' livell ta' durabilità aċċettabbli jew le, il-Qorti taħtar l-esperti tagħha sabiex iħejju rapport tagħhom u jirrelataw fuq l-istess. Illi f'dan il-każ it-Tribunal jidher illi assuma l-kariga ta' espert u qatagħha unilateralment illi ħxuna ta' 5 millimetri mhux suffiċjenti meta si tratta fuq soqfa ta' caravans.

8. Illi l-marka Knaus hija waħda mill-akbar produtturi rinomati tal-karavans fid-dinja li tipproduċi kull caravan skond l-istandards maħruġa mill-Unjoni Ewropea, prova illi donnu t-Tribunal ftit li xejn ta każ meta għadda biex jiddeċiedi l-każ illi minnu qed isir dan l-umli appell.

9. Illi wieħed jistaqsi wkoll il-bażi fuq liema t-Tribunal qatagħha illi d-danni illi fil-fatt sofra r-rikorrenti kienu ammontanti għall-erba' mitt lira Maltin (Lm400). Ma ngħiebet l-ebda prova illi tista' b'xi mod twassal lill-esponenti sabiex jifhem kif dan l-ammont ġie kkalkolat.

Għaldaqstant l-esponenti filwaqt li jagħmel riferenza għall-provi già prodotti u waqt li jirriżervaw li jressaq kull prova ulterjuri skond il-liġi, jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha;

(1) tirrevoka s-sentenza appellata ai termini ta' l-artikolu 22(2) tal-Kap. 328 tal-Liġijiet ta' Malta u tgħaddi sabiex tiddeċiedi hija stess il-kawża msemmija.

Reġistru tal-Qorti Superjuri (Appelli Inferjuri) illum 25 ta' Novembru 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

being an expert in caravans.

5.....Omissis.....

6.....Omissis.....

7. That the Tribunal in its judgement when considering the circumstances of the case noted that the respondent company does not give a guarantee regarding the roof. That with all respect not even the do leading card manufacturers give guarantees regarding the durability of their material in the case of a snow storm.....Omissis.....

That is such cases when a Court is asked to examine whether a vehicle or the sheets out of which it is made are of an acceptable level of endurance, the Court appoints its experts to prepare their report and give an opinion about the same. That in this case the Tribunal appears to have assumed the role of an expert and unilaterally decided that a thickness of 5 millimetres is not sufficient when relating to caravan roofs.

8. That the type Knaus is one of the most well known producers of caravans in the world, which produces every caravan according to the standards issued by the European Union, a proof which this Tribunal appears to have taken very little care of, when it passed on to decide the case from which an appeal is humbly being made.

